


# Il-Kwadru Titulari tal-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu



kitba ta' Mario Fenech

Waħda mill-knejjes li kienet messitha x-xorti ħażina li tintlaqat sew bil-bombi ta' l-għadu waqt it-Tieni Gwerra Dinjija hija l-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu mmexxija mill-Patrijiet Dumnikani.

Din il-knisja kienet waħda mogħnija b'għadd kbir ta' opri artistiċi kemm f'dak li hu xogħol ta' arġenterija, skultura fil-ġebla u fl-injam, tapizzerija, abiti sagri, kif ukoll xogħlijiet ta' pittura.

Kien hemm kwadri u affreski ta' bosta artisti magħrufa iżda dawn sfortunatament intilfu meta nhar il-Ħadd 19 ta' Jannar 1941 waqt li kienet qiegħda ssir quddiesa kantata, il-knisja kważi ġġarrfet għal kollox. Intilfu kwadri ta' Ġużeppi Calì, Francesco Buhagiar, Lazzaro Pisani, Bonnici u Conti fost l-oħrajn.



Ftit li xejn kien ġie salvat mill-ħerba li kien hemm fil-knisja ħlief għal xi biċċiet ta' tila minn kwadri li kien hemm fuq l-artali tal-knisja, u xi biċċiet żgħar ta' affreski tas-saqaf. Dawn għad baqa' x'uħud minnhom fil-kunvent tad-Dumnikani li hemm anness mal-knisja tal-Lunzjata.

Wara li ntemmet il-gwerra l-Patrijiet Dumnikani bdew jaħsbu biex jibnu mill-ġdid il-knisja u jiddekorawha b'mod xieraq. Meta ġew biex jikkummissjonaw ix-xogħol tal-kwadru titulari tal-Lunzjata għal fuq l-artal maġġur l-għażla kienet dik ta' wieħed mill-aqwa artisti kontemporanji, E.V. Cremona.

Fil-kwadru ewlieni tal-knisja l-artist pinġa xena mill-isbaħ ta' l-Annunzjazzjoni tal-Madonna bi ħlewwa liema bħalha u b'kuluri vivaċi iżda li ma jweġġgħux l-għajn.

Il-Madonna narawha għarkubbtejHa b'rasHa baxxuta lejn l-art, b'idejha ma' xulxin, filwaqt li fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru naraw anġlu liebes l-abjad b'mant ikħal bilwieqfa jħares lejn il-Madonna b'id waħda merfugħa 'l fuq biex juri li huwa l-Ħabbar ta' dak li jmexxi mis-sema, filwaqt li f'idu x-xellugija qiegħed iżomm ġilju abjad simbolu tas-safa ta' Marija.

Fil-parti ta' fuq tal-kwadru Cremona pinġa l-figura ta' Ġesù mneżża' minn ħwejġu, b'rasu baxxuta, b'idejH fil-pożizzjoni li s-soltu narawh biha fuq is-Salib, għalkemm l-artist ma pinġiex l-għuda tas-salib. 'Il fuq minn din il-figura ta' Ġesù naraw il-ħamiema bajda xbieha ta' l-Ispirtu s-Santu. Miċ-ċirku li fih naraw din il-ħamiema l-artist pinġa fil-forma ta' koppla, raġġi ħerġin biex b'hekk ħoloq qafas madwar ix-xena prinċipali.

Fil-parti ta' isfel tat-tila fuq it-taraġ naraw kannestru bl-għodda tan-newl biex ma ninsewx li għalkemm Marija kienet il-magħżula biex tkun l-Omm ta' Alla, hija kienet xebba sempliċi.

F'dan il-kwadru ninnutaw kemm kien espressiv l-Artist Cremona fix-xogħlijiet tiegħu, wara kollox hawnhekk kien qiegħed jippreżentalna l-ġrajja li kienet biddlet għal kollox il-ħajja tal-Madonna. **It-tħabbira ta' l-Anġlu Gabriel.**

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**